# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 28/2017 BS**

**Dr George Azzopardi**

**-vs-**

**Heritage Malta Agency**

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Dr George Azzopardi[1] illi ppremetta:**

1. *"Illi permezz ta' memorandum numru għaxra tal-elfejn u sittax (10/2016) datat il-hamsa ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (5/12/2016), il-konvenut għamel sejħa għal applikazzjonijiet biex jimtlew numru ta' postiijiet vakanti,*

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 3.

*fosthom "Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites";*

2. *Illi permezz ta' debita applikazzjoni datata l-erbatax ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (14/12/2016), l-attur issotometta applikazzjoni sabiex ikun kandidat għal dan il-grad, ossia vakanza;*

3. *Illi permezz ta' ittra u memorandum datati t-tnejn l-għoxrin ta' Frar tal-elfejn u sbatax (20/2/2017) l-applikazzjoni tal-attur ġiet rigettata;*

4. *Illi l-attur sar jaf illi din il-vakanza ġiet allokata lil ħaddiehor;*

5. *Illi l-attur jemmen u jqis illi kien hu l-aktar persuna kwalifikata kemm akkademikament kif ukoll minn l-att ta' esperjenza li jimla dan il-post; u komparat mal-bqija tal-kandidati dan il-post ossia vakanza kellu jiġi allokat lilu;*

6. *Illi l-agir tal-Awtorita' Pubblika, f' dan il-kaz il-konvenuta, huwa ultra vires għaliex jikkostitwixxi abbuz tas-setgħa tal-Awtorita' Pubblika billi dan sar għal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u in oltre dan l-ghemil amministrattiv imur kontra il-ligi;*

7. *Illi għalhekk hemm lok illi dan l-ghemil amministrattiv jiġi rivedut billi l-post imsemmi f' dik il-vakanza jiġi allokat lill-attur;*

8. *Illi din il-kawża qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-guramanet mill-attur Dr. George Azzopardi li għandhu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża."*

**Talab għalhekk lil din il-Qorti:**

1. *"Tiddikjara illi l-agir amministrattiv tal-Aġenzija' konvenuta meta din ma allokatx il-post ta' "Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites" lill-attur iżda allokatu lill ħaddiehor huwa ultra vires u illegali għal raġunijiet fuq spjegati;*

2. *Tordna lill-Aġenzija' konvenuta sabiex tirrevedi d-decizjoni tagħha in linea ma' dak deciz fis-sentenza;*

3. *Jekk ikun il-kaz, taghti kwalsiasi ordni oħra li thoss necessarja fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez kollha inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tnejn u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (22/2/2017) u dawk tal-ittra ufficjali tat-tmienja ta' Marzu tal-elfejn u sbatax (8/3/2017), u bl-ingunzjoni tal-Aġenzija' konvenuta minn issa ghas-subizzjoni."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Aġenzija Heritage Malta[2] illi eċċepiet:**

1. *"Preliminarjament u mingħajr pregudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, il-privilegium fori billi l-Aġenzija Heritage Malta għandha s-sede tagħha fil-gzira ta' Malta minn fejn tamministra u tmexxi x-xogħol tagħha. Inoltre ir-rapporezentant tal-istess Heritage Malta għandu r-residenza tiegħu fil-Gzira ta' Malta;*

2. *Preliminarjament ukoll u mingħajr pregudizzju, l-azzjoni tal-attur hija legalment infondata billi l-allokazzjoni interna ta' vakanzi jew postijiet tax-xogħol ma jaqax fid-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" għall-finijiet tal-istess artikolu (Art. 469A(1) u (2) tal-Kap. 12) in kwantu l-istess artikolu jipprovdi illi "egħmil amministrattiv"... ma tinkludix xi*

[2] Risposta Ġur. a fol. 28 sa 30.

*ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.";*

3. *Fil-mertu, u mingħajr pregudizzju, in kwantu l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-allokazzjoni tal-vakanza lil ħaddiehor kienet "ultra vires, għaliex jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-Awtorita' Pubblika billi dan sar għal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u in oltre dan l-ghemil amministrattiv imur kontra il- ligi", l-azzjoni attrici hija wkoll legalment infondata;*

4. *F'kull kaz, mhux minnu li l-eccepjenti agixxiet ultra vires jew abbuzat mis-setgha tagħha, jew b'xi mod agixxiet b'mod irragonevoli jew mhux proporzjonat, jew għal ghanijiet mhux xierqa jew fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew altrimenti kontra l-ligi;*

5. *F'kull kaz ukoll, fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u għandhom jiġu michuda bl-ispejjez. Il-fatti kif dikjarati mill-attur huma kontestati, kif ser jirrizulta ahjar fil-kors tas-smigħ tal-kawża. F'kull kaz, id-decizjoni mehuda mill-esponenti hija wahda gusta skont il-ligi, u ma timmeritax revizjoni.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

**Fliet l-atti;**

**Rat** id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Kenneth Gambin, Kap Eżekuttiv tal-aġenzija konvenuta, annessa mar-risposta ġuramentata tal-istess aġenzija konvenuta;[3]

[3] Dikjarazzjoni ġuramentata a fol. 29.

**Rat** li fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2017 il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat l-inverżjoni tal-provi fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tal-*privilegium fori* u ordnat li l-provi jkunu limitati għall-istess l-ewwel eċċezzjoni;[4]

**Rat** li fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2017 il-partijiet iddikjaraw il-provi tagħhom dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-*privilegium fori* magħluqa u ġew awtorizzati jippreżentaw noti tal-osservazzjonijiet finali tagħhom limitatament dwar l-istess eċċezzjoni;[5]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet finali tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-*privilegium fori;*[6]

**Rat** is-sentenza parzjali tal-Qorti kif diversament presjeduta mogħtija nhar it-23 ta' Frar, 2018 dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-*privilegium fori* fejn il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-aġenzija konvenuta u għalhekk ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili f'Malta sabiex il-każ jiġi assenjat lill-Qorti kompetenti f'Malta;[7]

**Rat** li d-deċiżjoni parzjali tat-23 ta' Frar, 2018 ġiet appellata mill-attur;[8]

**Rat** is-sentenza tal-appell mogħtija nhar id-29 ta' Marzu, 2019 li biha ġiet imħassra d-deċiżjoni parzjali ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta mogħtija nhar 23 ta' Frar, 2018[9] b'dan li l-kawża ġiet riappuntata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta;[10]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Novembru, 2022 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista' tmur għas-sentenza bil-fakultà li jsiru noti tal-osservazzjonijiet finali;[11]

[4] Verbal a fol. 34.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet**;

## B. PROVI:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Kenneth Gambin,** Kap Eżekuttiv tal-aġenzija konvenuta, xehed[12] li huwa jirrisjedi Malta u l-aġenzija konvenuta għandha s-sede tagħha Malta.

Jgħid li l-applikazzjoni għax-xogħol li dwaru saret il-kawża kienet tirreferi għall-pożizzjoni ġdida b'dan li, kieku ħadha l-attur ma kienx ser ikun qiesu qed jiġi promoss stante li preżentement l-attur jaħdem bħala *Principal Curator Phoenician and Roman Sites* u allura diġà jħaddan pożizzjoni mal-aġenzija konvenuta li hija fl-istess grad.

**In kontroeżami**, xehed[13] li l-aġenzija konvenuta għandha uffiċċju Għawdex kif għandha uffiċċji bnadi oħra. Jispjega li f'Malta għandha wkoll varji uffiċċji reġjonali.

Jgħid li l-uffiċċju ta' Għawdex jieħu ħsieb ċerti kwistjonijiet bħalma uffiċċji reġjonali f'Malta jieħdu ħsieb ukoll ċerti

[5] Verbal a fol. 57.
[6] Nota tal-aġenzija konvenuta a fol. 58 sa 61. Nota tal-attur a fol. 62 sa 65.
[7] Kopja tas-sentenza parzjali a fol. 69 sa 79.
[8] Rikors tal-appell a fol. 82 sa 87. Risposta tal-appell a fol. 89 sa 93.
[9] Kopja tas-sentenza a fol. 102 sa 107—iinkluż in *retro pagina*.
[10] Ordni ta' riappuntament a fol. 125 b'dokumenti ulterjuri a fol. 108 sa 124.
[11] Verbal a fol. 479 u 480.
[12] Traskrizzjoni a fol. 31 sa 33.
[13] Traskrizzjoni a fol. 45 sa 50.

elementi huma. Iżid li l-amministrazzjoni ċentrali dejjem hija Malta.

Jiċħad li deċiżjonijiet dwar impjegati tal-aġenzija konvenuta stazzjonati Għawdex jittieħdu Għawdex. Iżid li l-impjegati huma kollha ta' *Heritage Malta* bl-uffiċċju tar-riżorsi umani jinsab Malta u hemm jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar impjegati.

Dwar sigħat ta' xogħol u pagi tal-impjegati jgħid li dawn huma regolati bi ftehim kollettiv li huwa l-istess għal Malta u għal Għawdex. Iżid li sa ċertu livell *rosters* u pagi ta' impjegati stazzjonati Għawdex jinhadmu Għawdex iżda wara jintbagħtu Malta u l-pagi jinħarġu minn Malta.

Jgħid li l-impjegati stazzjonati Għawdex jirrapurtaw għax-xogħol fil-mużewijiet fejn ikunu jaħdmu bħalma jiġri Malta fejn kulħadd imur għax-xogħol fil-post tiegħu.

Jixhed li sa ċertu livell, sejħiet relatati ma' pożizzjonijiet f'Għawdex ukoll jieħdu ħsiebhom Għawdex iżda jgħaddu minn Malta.

Jgħid li l-istess dwar servizzi u akkwisti fejn dawn isiru Malta jew Għawdex skont il-każ. Iżid li dawn jieqfu Għawdex sakemm l-aġenzija tista' tinqeda minn Għawdex u jgħaddu Malta fejn ma tistax.

**In rieżami**,[14] xehed li l-intervisti għal kariga in mertu saru Malta, fl-uffiċċju ċentrali.

**Xehed ulterjorment**[15] li dakinhar tal-intervisti dwar il-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* huwa kien fuq il-bord tal-intervisti. Jgħid li dakinhar

[14] Traskrizzjoni a fol. 51.
[15] Traskrizzjoni a fol. 192 sa 197.

kellhom żewġ (2) applikanti. Iżid li l-proċess ta' selezzjoni jkun dokumentat.

Jgħid li bħala bord tal-intervisti jaraw il-kwalifiċi li jkunu ġew ippreżentati lilhom.

**Xehed ulterjorment**[16] billi produċa dokumenti relattivi għal proċess ta' selezzjoni fil-pożizzjoni in mertu ossia, ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*, kif ukoll fil-pożizzjoni ta' *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites*.

Jgħid li għall-pożizzjoni ta' *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* kien hemm tliet (3) applikanti. Jesibixxi d-dokumenti tal-kriterji bil-marki dwar din il-pożizzjoni.[17] Jgħid li Daphne Caruana Sant hawnhekk ma kinitx applikanta. Iżid li l-attur hawn kien ġab sebgħa u sittin (67) marka.

Rigward il-pożizzjoni in mertu, ossia ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*, jgħid li fil-file sab rimarki dwar il-punti assoċjati ma' kull kriterju. Jesibixxi kopja ta' dokumenti li juri l-istess rimarki.[18]

Jgħid li l-*Gozo Museum* mhux ser jikkomprendi arti biss iżda ser ikun ukoll mużew dwar l-istorja ta' Għawdex b'mod globali, mill-preistorja sal-lum. Iżid iżda li l-element artistiku huwa important ħafna għaliex ser ikun introdott għall-ewwel darba fl-istorja ta' Għawdex peress li Għawdex qatt ma kellu wirja artistika.

Dwar il-kriterju «*outreach events*» imsemmija fid-dokumenti tal-kriterji u l-punti jgħid li dawn jirreferu għal fatt li

[16] Traskrizzjoni a fol. 225 sa 240.
[17] Dokument a fol. 241 sa 243.
[18] Dokument a fol. 248.

mużew mhux xi ħaġa mejta iżda ħajja b'dan li fih ma jkunx hemm wirja permanenti biss iżda din trid tiġi promossa u għalhekk jiġu organizzati programmi edukattivi, *seminars*, u attivitajiet oħra għall-pubbliku lokali kif ukoll għat-turisti.

Jgħid li mingħand il-kandidati, waqt l-intervista, dwar «*outreach events*» stenna proposti ta' x'ser jagħmlu.

Dwar il-kriterju ta' «*leadership skills*», jgħid li wkoll għamlu domandi lill-applikanti bir-risposti tagħhom ġew ikkunsidrati l-ewwel u qabel kollox. Iżid li l-imġieba passata tagħhom ġiet ukoll ikkunsidrata ladarba dawn kienu interni għall-aġenzija konvenuta. Iżid li l-istess sar dwar il-kriterju ta' «*managerial skills*». Iżid li bħala «*managerial skills*» iż-żewġ applikanti kellhom esperjenzi simili inkluż li t-tnejn li huma kellhom esperjenza f'irwoli ta' preparazzjoni għal sejħiet għal *tenders*. Iżid li Daphne Caruana Sant għamlet ħafna xogħol siewi fil-proġett tal-Ġgantija inkluż fuq livell tal-Unjoni Ewropea.

Bħala passat lavorattiv tal-applikanti jgħid li dan ġie kkunsidrat fil-kriterju tal-esperjenza.

Iżid li kull membru tal-bord tal-intervista jattribwixxi marka għal kull kriterju lil kull kandidat b'dan li fl-aħħar toħroġ marka waħda globali. Jesibixxi dokumenti li juru dan dwar l-intervista għal pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*.[19]

Jirrifjuta li kien hemm indħil politiku sabiex tiġi favorita Daphne Caruana Sant fil-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*.

[19] Dokumenti a fol. 245 sa 247.

**Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit**.[20] Jiddikjara li sas-sena 2015 l-attur kien kuratur fi ħdan is-sezzjoni kurotorjali ta' Għawdex. Iżid li f'dik is-sena applika għas-sejħa *Principal Curator Phoenician, Roman, and Medieval Sites* u wara intervista li saritlu fil-11 ta' Diċembru, 2015 intgħażel għal dik il-pożizzjoni. Iżid li f'tali kariga kellu jkun Malta darbtejn jew tliet (3) darbiet fil-ġimgħa b'dan huwa kien jafu qabel applika.

Jgħid li l-attur huwa idoneu għal tali kariga peress li taqbel perfettament mal-kwalifiċi tiegħu li jikkonċentraw fuq l-arkeoloġija klassika b'mod ġenerali ta' żmien il-Feniċi u r-Rumani.

Jiddikjara li l-pożizzjoni attwali tal-attur hija fl-istess grad ta' dik in mertu, ossia; ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*.

Jgħid li huwa kien sorpriż li l-attur applika għall-pożizzjoni in mertu kemm għaliex ma taqbilx mal-kwalifiċi tiegħu u kemm għaliex hija fl-istess grad ta' dik li diġà jħaddan. Iżid li meta fl-intervista staqsewh għalfejn applika huwa rrisponda li l-unika raġuni għalfejn applika kienet li l-pożizzjoni l-ġdida hija bbażata Għawdex. Jgħid li l-attur qal li jħossu kompetenti biex ikopri l-pożizzjoni l-ġdida iżda il-bord tal-intervisti ħasibha mod ieħor.

Jagħti rendikont tar-raġunijiet għalfejn il-bord tal-intervisti ħass li l-attur ma kienx idoneu għall-pożizzjoni l-ġdida b'referenza kemm għall-kriterji applikati fil-proċess tal-intervisti għall-għażla tal-kandidat kif ukoll għall-miri tal-

[20] Affidavit a fol. 327 sa 332 b'dokumenti a fol. 333 sa 458.

proġett il-ġdid tal-*Gozo Museum* kif imnissla f'dokument ta' *design contest* li jannetti mal-affidavit tiegħu.

Jiddikjara li bil-*Gozo Museum* l-aspett artistiku kien ser ikun qed jiġi mniedi għall-ewwel darba f'Għawdex u għalhekk kien meqjus important ħafna fil-proċess tal-għażla tal-kandidat. Iżid li l-attur jinsisti li huwa intiż fl-arti preistorika u medjevali. Jgħid li dwar dan m'hemmx dubbju iżda il-kandidata l-oħra li effettivament intgħażlet studjat l-arti fl-arkeoloġija bħala parti integrali tal-istudji tagħha.

Iżid li oltre dan, fejn tidħol arti l-*Gozo Museum* ser jiffoka l-aktar fuq arti minn meta bdiet l-istorja artistika ta' Għawdex u allura mill-Medjuevu saż-żmien kontemporanju. Iżid li dwar dan il-perjodu l-attur m'għandu ebda kwalifika mentri l-kandidata li ntgħażlet għandha.

Jiddikjara li dwar il-kriterju applikat fil-proċess tal-għażla msejjaħ *contribution of Gozo Museum to Gozo*, l-attur ma fehemx x'jikkomprendi dan il-kriterju. Jgħid li dan il-kriterju jiffoka fuq kif il-*Gozo Museum* ser jikkontribwixxi lejn Għawdex u mhux kif ħaseb l-attur ossia kif huwa—l-attur—kellu jikkontribiwixx għall-ħolqien tal-mużew. Iżid li fl-intervista tiegħu l-attur kien skars ħafna meta ġie mistoqsi dwar il-viżjoni tiegħu għall-mużew il-ġdid. Jerġa' jirreferi għad-dokument mehmuż mal-affidavit tiegħu dwar l-ispjegazzjoni li kienet mogħtija u mxerda fil-midja dwar dan il-kriterju.

Dwar ħiliet maniġerjali jgħid li x-xogħol li elenka l-attur bħala magħmul minnu fi żmien li kien impjegat mad-Dipartiment tal-Mużewijiet huwa xogħol ftit jew wisq normali għall-pożizzjoni li kien iħaddan. Iżid li dan ma

jnaqqasx mill-mertu tal-attur u kien xogħol essenzjali iżda mindu daħlet l-aġenzija konvenuta fix-xenarju l-esiġenzi tant inbiddlu li wieħed anqas jista' jikkumpara. Jgħid li llum l-aġenzija għandha diversi impjegati u dipartiment speċjalizzati li qabel anqas kienu joħolmu bihom. Iżid li għalhekk ħiliet li wieħed wera qabel m'humiex neċessarjament biżżejjed għal-lum speċjalment għall-proġett ġdid bħala *Gozo Museum* li ser jinkludi aspetti li qabel anqas kienu jeżistu u b'hekk jeħtieġu ħiliet diversi.

Jiddikjara li fl-affidavit tiegħu l-attur jenfasizza l-*management skills* li wera tul is-snin billi jgħid li kiteb varji *management plans*. Iżid li dak huwa xogħol li jagħmlu wkoll ħaddieħor għaliex jirrikjedi element tekniku arkeoloġiku. Iżid li l-attur ingħata wkoll eżempju sabiex jimxu fuqu. Iżid li madanakollu huwa ma jridx inaqqas mill-validità tax-xogħol tal-attur.

Jiddikjara li oltre dan, fl-intervista l-attur irrikonoxxa li huwa m'għandu ebda esperjenza f'dak li jirrigwarda proġetti strutturali Ewropej. Iżid li dan meta l-proġett tal-*Gozo Museum* huwa kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea b'dan għalhekk kien element important fl-għażla tal-kandidat. Iżid li min-naħa l-oħra l-kandidata l-oħra kellha esperjenza vasta f'dan il-kamp anke peress li kienet involuta fil-proġett tal-Ġgantija li kien ukoll kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Ifakkar ukoll li l-kandidata l-oħra hija gradwata b'*masters* fil-*Cultural Heritage Management*.

Jiddikjara li kemm fix-xhieda tiegħu f'din l-istanza kif ukoll fl-intervista għall-pożizzjoni in mertu, l-attur tkellem dwar il-preferenza tiegħu favur *site specific museums*. Iżid li oltre l-fatt tal-opinjoni suġġettiva dwar dan, tali dikjarazzjoni ċertament ma taqbilx mal-essenza tar-raġuni għat-twaqqif

tal-*Gozo Museum* bil-bord tal-intevrista ma setax jinjora tali kumment.

Jgħid li l-kompetenza meħtieġa għall-pożizzjoni in mertu hija ferm differenti minn dik meħtieġa għall-pożizzjoni kurrentement okkupata mill-attur li hija iżjed teknika, minkejja li huma fl-istess grad. Jgħid li għalhekk l-attur irċieva punti għolja dwar il-kwalifiċi tiegħu iżda mhux dwar xi kriterja oħra tal-intervista.

Rigward il-paragun li l-attur għamel dwar l-intervisti għal-pożizzjoni in mertu u dawk li saru għall-pożizjzoni li ottjena u jħaddan, jgħid li tali kumparazzjoni ma treġix l-ewwel u qabel kollox għax għaddew sentejn bejn l-intervista tal-2015 u dik tal-2017. Iżid li oltre dan il-pożizzjonijiet u ħtiġijiet huma differenti. Iżid li l-kriterji tal-intervista jinbidlu skont kif ikun meħtieġ għall-pożizzjoni li tkun qed tiġi evalwata.

Dwar allegati manuvri sabiex jiġi żvantaġġat l-attur, jgħid li dawn huma insinwazzjonijiet li l-aġenzija tirriġetta u fissazzjonijiet tal-attur li huwa tant kien tajjeb li bilfors kien hemm xi ħadd—jekk mhux kulħadd—li ħadem kontrih sabiex ma jinħatarx hu. Iżid li dan assolutament mhux minnu bil-kriterji applikati u l-għażla kienu fl-interess biss tal-aġenzija u xejn iżjed.

Jgħid li normalment bħala kriterji hekk imsejħa mill-attur *measurable* ikun hemm tnejn biss: dawk tal-esperjenza u l-kwalifiċi. Iżid li f'dan il-każ żdied dak tal-pubblikazzjonijiet għal liema l-attur ħa l-*full marks*. Jgħid illi kieku vera xi ħadd ried li jiġi żvantaġġat l-attur ma kienx jiġi inkluż dan il-kriterju. Iżid ukoll li filwaqt li fl-intervista tiegħu tal-2015 dwar esperjenza l-attur inghata għaxar (10) marki, f'dik tal-2017 ingħata ħmistax(15)-il marka b'dan

kien kjarament ta' vantaġġ għalih meta mqabbel mal-kandidata l-oħra.

Jiddikjara li l-attur ħa l-marki massimi fejn kien xieraq li jeħodhom.

Iżid li d-deċiżjoni dwar minn jintgħażel għall-kariga ma tiqafx mal-kwalifiċi u l-kriterji oġġettivi l-oħra biss. Jgħid illi li kieku kien hekk ma jsirux intervisti iżda jintbagħtu biss ċ-ċertifikati bil-posta. Iżid li jiġu meqjusa diversi fatturi oħrajn li minnhom infishom huma suġġettivi u jiddependu mill-prestazzjoni tal-kandidat u l-impresjsoni li titħalla waqt l-intervista. Iżid li dan huwa konfermat ukoll mill-intervistatur estern li huwa għalkollox indipendenti mill-aġenzija konvenuta u għalhekk indipendenti minn kull influwenza jew għarfien precedenti dwar l-applikanti.

Jiddikjara li l-attur jgħid li ġie mwarrab minn laqgħat konċernanti l-proġett tal-*Gozo Museum*. Jgħid li dan m'huwiex minnu bl-attur baqa' jattendi sakemm spiċċaw il-laqgħat għaliex l-iskop tagħhom intlaħaq. Iżid li tant u hekk li anke t-tliet (3) persuni l-oħra li kienu jattendu l-laqgħat miegħu ma attendewx aktar. Jgħid li dan juri li din kienet xi ħaġa ġenerali—it-twaqqif tal-laqgħat—u mhux b'xi mod diretta sabiex tiżvantaġġa lill-attur. Jispeċifika li s-sejħa għall-pożizzjoni in mertu ħarġet wara li ġew mitmuma l-laqgħat b'dan li waqt il-laqgħat ħadd ma kien jaf li ser toħroġ u wisq anqas li l-attur ser japplika għall-istess. Iżid li għalhekk ċertament ma kienx il-każ li l-attur twaqqaf milli jattendi sabiex jiġi żvantaġġat fl-intervista kif allega.

Iżid li l-viżjoni ta' *site specific museums* li jħaddan l-attur anqas kellha xejn x'taqsam ma' dan tant li kif jgħid l-attur stess fl-affidavit tiegħu, tali rimarka kien għamilha qabel bdew il-laqgħat u xorta kien inkluż fihom. Iżid li l-

involviment ta' Caruana Sant wara dan kien sempliċiment minħabba l-ħtieġa li jissaħħaħ id-dokument mehmuż mal-affidavit tiegħu fejn dan jirrigwarda l-arti.

In konklużjoni jgħid li l-aġenzija tirrikonoxxi l-kompetenza tal-attur b'dan iżda ma jistax ifisser li huwa għandu dritt jiddettala arbitrarjament kif taġixxi, inkluż kif u fejn huwa jaħdem magħha.

Iżid li l-aġenzija għandha obbligu tuża r-rizorsi umani tagħha bl-aħjar mod billi tistazzjona lil kulħadd fejn jista' jrendi l-aħjar, skont il-ħiliet tal-individwu u l-ħtiġijiet tagħha. Jgħid li fil-fatt l-aġenzija avvanzat lill-attur skont il-kapaċitajiet tiegħu u meta qisiet li kien ġust li javvanza minkejja li fl-intervista tal-2015 kien ġie t-tieni.

**In kontroeżami**, xehed[21] li jaqbel li s-sejħa in mertu ma tkoprix biss il-*Gozo Museum* iżda wkoll is-siti tax-Xagħra. Jaqbel ukoll li apparti l-Mitħna ta' Kola dawn huma siti arkeoloġiċi.

Dwar attivitajiet kulturali jgħid li fi ħdan l-aġenzija m'hemmx sezzjoni appożita iżda hemm uffiċjali li jiffukaw fuq hekk bil-koperazzjoni ta' impjegati oħra inkluż il-kuraturi. Iżid li whud minn dawn l-attivitajiet huma mmexxija unikament mill-uffiċċju prinċipali, oħrajn minn siti partikolari, b'oħrajn huma taħlita ta' dawn. Bħala eżempji ta' attivitajiet isemmi *heritage trails*, *lectures*, ikliet, *guided tours*, ħarġet għat-tfal tal-iskejjel. Jgħid li l-attur ma

[21] Traskrizzjoni a fol. 463 sa 477.

kienx involut f'tali attivitajiet mentri l-kandidata l-oħra kienet.

Jaqbel li l-kandidata li ntgħażlet għall-pożizzjoni in mertu għandha kwalifici fl-arti kif ukoll f'*Cultural Heritage Management*.

Jgħid li huwa qatt ma sema' b'distinzjoni bejn kwalifika *by taught course* u oħra *by research* u li tal-aħħar għandha titqies ta' aktar *weight* minn tal-ewwel.

Jgħid li l-attur studja l-preistorja klassika li tinkludi l-arti ta' dak iż-żmien.

Jaqbel li fis-siti tax-Xagħra m'hemmx arti iżda huma purament arkeoloġiċi għajr għall-Mitħna ta' Kola li hija ta' kultura popolari.

Jgħid li huwa kien preżenti waqt l-intervista għas-sejħa in mertu bl-attur ma wieġeb xejn dwar filosofija għal *Gozo Museum*. Iżid li meta ġie mistoqsi dwar kif dan il-mużew ser jikkontribwixxi għall-ekonomija Għawdixja t-tweġiba tiegħu kienet fqira għall-aħħar. Jgħid li dan ma jfissirx li ma kienx intiż iżda ċertament ma rrispondiex.

Mistoqsi dwar il-kumment li għamel fl-affidavit tiegħu dwar li l-attur ingħata abbozz ta' *management plan* sabiex jimxu fuqu jgħid li jaqbel li l-attur ma setax jirreplika dak l-abbozz għax kull sit huwa differenti iżda varji prinċipji jibqgħu l-istess anke jekk jiġu applikati b'mod differenti.

Jgħid li ma jaħsibx li l-kandidata l-oħra għamlet xi *management plans*.

Jaqbel li fil-proġett taċ-Ċittadella u tal-mużewijiet tagħha l-fondi mill-Unjoni Ewropea ħa ħsiebhom b'mod ġenerali il-

Ministeru għall-Għawdex. Jgħid li mhux hekk għal-*Gozo Museum*.

Jgħid li l-attur ma baqax jattendi għal-laqgħat li kienu jsiru sempliċiment għaliex il-laqgħat ma baqgħux isiru. Iżid li bħalu anke l-oħrajn ma baqgħux jattendu, ladarba waqfu l-laqgħat. Jgħid li minkejja ix-xhieda ta' Nicoline Segona li l-attur twaqqaf milli jattendi għal-laqgħat għax saret din il-kawża, huwa ma' jiftakarx hekk u anqas ta' struzzjonijiet sabiex xi ħadd jitwaqqaf milli jattendi.

**Dr George Azzopardi**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[22] Jiddikjara li huwa beda jaħdem fis-settur tal-wirt kulturali fl-1996 mad-Dipartiment tal-Mużewijiet ta' Għawdex. Iżid li dakinhar diġà kellu laurea fl-arkeoloġija li akkwista fl-1994. Jgħid li aktar tard, fl-1999 akkwista wkoll *masters* fl-arkeoloġija.

Jiddikjara li mad-Dipartiment tal-Mużewijiet kien jokkupa l-kariga ta' assistent kuratur u kien jieħu ħsieb il-mużewijiet u siti f'Għawdex.

Jgħid li huwa kellu l-aktar grad għoli f'Għawdex u kien jirrispondi direttament lid-direttur tal-mużewijiet dwar *policies* u lid-direttur tas-servizzi tal-konsumatur dwar amministrazzjoni.

Jiddikjara li huwa kien responsabbli mill-uffiċċju ta' Għawdex fejn kien jirrappreżenta lid-direttur tal-mużewijiet.

Jgħid li huwa dam f'din il-kariga sal-2002 meta mbagħad ġiet stabbilita l-aġenzija konvenuta *Heritage Malta* li ssostitwiet lid-Dipartiment tal-Mużewijiet b'aktar 'il

[22] Affidavit a fol. 37 sa 39.

quddiem l-aġenzija kovnenuta ħatret *manager* li ħa huwa r-responsabbiltajiet tal-mużewijiet u siti f'Għawdex. Iżid iżda li huwa baqa' xorta jgħin u jagħti l-kontribut tiegħu fid-Dipartiment tal-Mużewijiet u siti f'Għawdex.

Jiddikjara li fl-2014 huwa akkwista dottorat fl-arkeoloġija b'dan li fl-2016 assuma l-pożizzjoni ta' *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* wara li applika għal sejħa. Iżid li huwa ġie konfermat f'din il-pożizzjoni wara sena *probation*. Jgħid li f'din il-pożizzjoni huwa ġie assenjat Malta peress li s-sezzjoni tinsab Malta.

Jiddikjara li fil-5 ta' Diċembru, 2016 ħarġet sejħa għal kariga ġdida ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* bil-post kien ser ikun Għawdex. Jgħid li din il-kariga għalih ma kinitx titqies promozzjoni għax hija fl-istess grad ta' dik li diġà jokkupa. Iżid li d-differenza hi li l-lok tal-impjieg tal-kariga l-ġdida huwa Għawdex mentri f'dik li jokkupa huwa qiegħed Malta.

Jgħid li huwa ma setax sempliċement jitlob trasferiment għaliex il-kariga l-ġdida kienet wahda li ma kinitx teżisti qabel u ġiet ikkreata mal-istess sejħa. Iżid li kienet saret sejħa interna fost l-impjegati tal-aġenzija konvenuta b'dan li jekk ma jinstabx kandidat adegwat is-sejħa kellha toħroġ għall-applikazzjonijiet barra mill-aġenzija konvenuta.

Jiddikjara li huwa applika għall-pożizzjoni l-ġdida u ġie intervistat iżda ġie mgħarraf li ma ntgħażilx. Iżid li sar jaf li l-persuna li ntgħazlet kienet inqas kwalifikata minnu kemm akkademikament kif ukoll rigward esperjenza.

Jiddikjara li l-aġenzija konvenuta għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha Malta iżda għandha wkoll uffiċċju reġjonali f'Għawdex.

**Xehed ulterjorment**[23] li huwa impjegat mal-aġenzija kovnenuta u huwa bbażat Gahwdex iżda huwa parzjalment mas-sezzjoni f'Malta. Jgħid li fuq bażi ordinarja jaħdem miċ-Ċitadella, f'Għawdex.

Jgħid li l-uffiċċju jikkordina diversi affarijiet f'Għawdex kif ta' Malta jiġu kordinata Malta. Jgħid li l-uffiċċju ta' Għawdex jamminsitra kollezzjonijiet, siti, iżda anke l-impjegati.

**In rieżami**,[24] xehed li l-kariga tiegħu hija ta' *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* f'Malta. Iżid li l-pożizjzoni mertu tal-istanza ma tammontax għall-promozzjoni għalih iżda hija pożizzjoni differenti. Iżid li bħala *status*, grad, u paga biha jibqa' fejn huwa. Jaqbel li għalih din tkun biss ċaqliqa laterali—hemm flok hawn.

**Xehed ulterjorment**,[25] billi ppreżenta diversi dokumenti. Jispjega li d-dokument datat it-22 ta' Frar, 2017 huwa ittra legali mibgħuta f'ismu lill-aġenzija konvenuta li biha huwa kkontesta l-eżitu tas-sejħa għall-impjieg in mertu.[26]

Jispeċifika li sa dak iż-żmien, il-pożizzjoni ta' *Principal Curator* kien għadha biss pożizzjoni, mhux grad, mentri issa, wara emenda lill-ftehim kollettiv, saret grad.

Jixhed li t-tieni dokument datata l-20 ta' Marzu, 2017 huwa r-risposta tal-aġenzija konvenuta għall-ittra legali tiegħu. Iżid li fiha l-aġenzija konvenuta tgħid li l-proċess tal-għażla tal-kandidat kien korrett u li hija mxiet skont il-kriterji stabbiliti u l-ħtiġijiet tagħha.[27]

[23] Traskrizzjoni a fol. 52 sa 53.
[24] Traskrizzjoni a fol. 53 sa 56.
[25] Traskrizzjoni a fol. 130 sa 133.
[26] Ittra legali a fol. 134.
[27] Ittra responsiva a fol. 135.

Jgħid li t-tielet dokument huwa ittra ufficċcjali li huwa preżenta wara r-risposta tal-aġenzija konvenuta.[28]

Jixhed li r-raba' dokument huwa r-risposta tal-aġenzija konvenuta għall-ittra uffiċjali tiegħu.[29]

Iżid li l-ħames dokument huwa s-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* datata l-5 ta' Diċembru, 2016 li tindika wkoll il-kwalifiċi u l-esperjenza li kienet meqjusa neċessarja sabiex wieħed japplika.[30]

Jippreżenta wkoll dokumenti relattivi għal sejħiet indipendenti minn dik mertu tal-kawża.[31]

**B'affidavit ulterjuri**,[32] xehed li fil-pożizzjoni kurrenti tiegħu ta' *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* huwa stazzjonat Malta iżda xorta jagħti l-kontribut tiegħu lill-mużewijiet u siti li *Heritage Malta* għandha f'Għawdex.

Jiddikjara li huwa kwalifikat fl-arkeoloġija b'dan li studja wkoll l-arti preistorika Feniċja, Punika, Griega, Rumana u Medjevali. Iżid li dan qalu wkoll waqt l-intervista li kellu għall-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*.

Iżid li apparti l-kwalifiċi tiegħu kull sena jattendi konferenzi dwar l-arkeoloġija u l-mużeoloġija. Jgħid li f'dawn il-konferenzi ġieli anke preżenta rapporti tiegħu

[28] Ittra uffiċjali numru 120/2017 datata t-8 ta' Marzu, 2017 a fol. 136 u 137.
[29] Ittra uffiċjali responsiva a fol. 138.
[30] Sejħa għall-applikazzjonijiet a fol. 139 sa 140.
[31] Dokumenti a fol. 141 sa 144.
[32] Affidavit a fol. 279 sa 287.

b'dan huwa wkoll imsemmi fil-*curriculum vitae* tiegħu bil-bord tal-intervista kellu din l-informazzjoni.

Jerġa' jagħti rendikont tal-progress professjonali tiegħu fis-settur tal-kultura mindu beda mad-Dipartiment tal-Mużewijiet sa issa li qiegħed mal-aġenzija konvenuta. Jagħti wkoll rendikont ta' x'kien jikkomprendi xogħlu inkluż f'li jipprepara sejħiet għal *tenders* mill-bidu sal-aħħar tagħhom għajr għall-firma tad-direttur. Jiddikjara li huwa ħareġ *tenders* għas-sistemi ġodda ta' dawl u CCTV fil-mużewijiet, *water-proofing membrane* fuq il-bjut tal-mużewijiet u siti kollha eċċetra. Jirreferi wkoll għall-bdil tal-bejt fl-akbar sala tal-Mużew tal-Arkeoloġija u xogħol relatat. Iżid li kien anke mexxa diversi inizjattivi oħra li ma kinux jinneċessitaw sejħa b'*tender*.

Jiddikjara li huwa kien anke jagħmel *business plans* dwar infiq, jieħu ħsieb l-impjegati, jipprepara *monthly financial projections* u *monthly financial reports,* kif ukoll jipprepara rapporti annwali ġenerali.

Jgħid li meta ġiet stabbilita l-aġenzija *Heritage Malta,* u laħqu bħala diretturi l-ewwel lil Godwin Vella u aktar tard lil Nicoline Segona, dawn u Daphne Caruana Sant li ntgħażlet bħala *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* qatt ma kienu ħarġu *tender* u qatt ma għamlu *business plan* jew affarijiet oħra kif għamel hu billi dan beda jsir minn sezzjonijiet speċifiċi ta' *Heritage Malta*.

Dwar il-*Gozo Museum* jgħid li dan mhux ser ikopri biss arti iżda wkoll arkeoloġija. Jannetti kopja ta' artiklu miktub minn Nicoline Segona dwar dan.[33]

[33] Kopja ta' pubblikazzjoni li tikkontjeni l-artiklu a fol. 288 sa 295.

Jiddikjara li huwa kien tkellem ma' Nicoline Segona dwar il-*Gozo Museum* u qalilha li t-*trend* kurrenti hija aktar lejn *site specific museums* li m'huwiex kif ser ikun il-*Gozo Museum*. Jgħid li din l-osservazzjoni mhijiex suġġettiva tiegħu iżda riżultat ta' dak li jisma' u jara u li jinnota fil-konferenzi internazzjonali li jattendi. Jgħid li dan il-kumment ma kienx kwistjoni ta' opinjoni tiegħu kontra l-*Gozo Museum* kif xehdet Nicoline Segona.

Iżid li *Heritage Malta* stess qiegħda tadotta aktar dan il-kunċett ta' *site specific museums* u jirreferi għal diversi eżempji bħalma huma l-Mużew ta' Ħaġar Qim u dak tal-Ġgantija.

Jgħid li wara li kien għamel dan il-kumment lil Nicoline Segona huwa kien xorta mistieden jattendi laqgħat dwar il-*Gozo Museum* fejn kienu jaħdmu sabiex jiżviluppaw temi għal *Gozo Museum* u jaraw b'liema oġġetti mill-kollezzjonijiet ser jirrappreżentaw l-istess temi. Jgħid li hawn Nicoline Segona kienet turi li tafda fih u tistrieħ fuqu. Jgħid li l-involviment tiegħu f'dawn il-laqgħat ġie eventwalment imwaqqaf mingħajr ma ngħata raġuni.

Jgħid li tul kemm dam involut f'dawn il-laqgħat lil Daphne Caruana Sant qatt ma raha. Iżid li meta twaqqaf l-involviment tiegħu f'dawn il-laqgħat twaqqaf ukoll l-involviment tat-tliet persuni oħra li kienu jkunu hemm miegħu.

Jgħid li l-ewwel darba li sema' r-raġuni għalfejn twaqqaf l-involviment tiegħu kien meta xehdet Nicoline Segona fil-

Qorti. Jgħid li meta huwa ġie mogħti l-ġenb innota li għal-laqgħat bdiet tkun mistiedna Daphne Caruana Sant.

Jiddikjara li huwa kien anke ġie involut f'laqgħat bejn *Heritage Malta* u l-Ministeru għall-Għawdex peress li l-*Gozo Museum* huwa proġett konġunt bejniethom b'dan iżda li eventwalment anke min dawn ingħata l-ġenb.

Jerġa' jispjega li fil-5 ta' Diċembru, 2016 harget is-sejħa għall-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*. Jgħid li Daphne Caruana Sant kienet diġà kuratriċi tas-siti tax-Xagħra meta ħarġet is-sejħa. Iżid li applika u ġie intervistat iżda b'ittra tal-20 ta' Frar, 2017 ġie mgħarraf li ma kienx intgħażel. Jannetti kopja tal-ittra.[34]

Jiddikjara li għalkemm il-pożizzjoni ġdida ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* ma kinitx ser tkun promozzjoni għalih peress li huwa kien diġà *Principal Curator*, il-pożizzjoni ġdida kienet f'Għawdex mhux Malta kif inhi tiegħu.

Jiddikjara li rriżulta li fost l-applikanti għall-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* kien hu l-aktar kwalifikat kemm akkademikament u kemm bħala esperjenza.

B'refernza għall-marki mogħtija waqt l-intervista għall-istess pożizzjoni jgħid li mill-għaxar (10) kriterji applikati tlieta (3) biss jistgħu jintqiesu kalkolabbli bl-oħrajn huma suġġettivi u jagħtu lok għall-manipulazzjoni. Iżid li f'dak li huma kalkolabbli ngħata l-*full marks* bis-seba' (7) kriterji l-oħra kienu dawk l-aktar faċli li jiġu manipulati.

[34] Kopja tal-ittra a fol. 296.

Jirrferi għall-kriterju tal-*managerial skills* u jgħid li huwa għandu l-esperjenza kollha li diġà semma u li ġiet korraborata mix-xhieda John Bajada u John Cremona. Jgħid li minkejja l-esperjenza vasta tiegħu jidher li l-marka mogħtija lilu għal dan il-kriterju turi li l-fiducja li wriet fih l-aġenzija konvenuta meta malli laħaq *Principal Curator* fil-pożizzjoni li jħaddan bħalissa mill-ewwel talbietu jagħmel diversi *management plans* għal xi raġuni ma' ġietx rispekjata meta applika u ġie intervistat għall-pożizzjoni l-ġdida.

Jirreferi wkoll għal-kriterju *outreach of events* u jgħid li fl-aġenzija konvenuta hemm sezzjoni appożita għal dan bil-kuraturi jagħtu l-*input* tagħhom lil din. Iżid li dwar is-siti taċ-Ċittadella kien dejjem huwa li ta dan l-*input*. Jgħid li dan l-*input* tiegħu ma kien xejn inqas milli anke Caruana Sant tat dwar is-siti tax-Xagħra.

Jirreferi wkoll għall-kriterju *contribution of Gozo Museum to Gozo* u jgħid li kif iddikjara qabel sakemm tħalla jikkontribwixxi għal dan il-mużew huwa baqa' jikkontribwixxi b'serjetà u professjonalità. Jgħid li billi huwa twaqqaf milli jikkontribwixxi lejn dan il-mużew meta twaqqaf milli jattendi l-laqgħat ma setax ikun jaf x'qed jigri u dan ġie rifless fil-marki li ngħata. Jgħid li ma jilmentax li ġiet involuta Caruana Sant iżda li din ġiet involuta b'esklużjoni tiegħu mhux flimkien miegħu. Iżid li b'hekk huwa ġie mpoġġi f'pożizzjoni żvantaġġata f'kuntrast ma' Caruana Sant.

Jagħlaq billi jgħid li għalkemm il-pożizzjonijiet ta' *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* u *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* huma tal-istess grad, għal tal-ewwel insab idoneu iżda għat-tieni le. Jagħmel eżerċizzju komparattiv bejn marki li ngħata dwar kriterji

applikati fl-intervista għall-pożizzjoni li jħaddan u l-marki li ngħata fl-intervista għal dik meħuda minn Caruana Sant.

**In kontroeżami**, xehed[35] li fil-pożizzjoni kurrenti tiegħu huwa jaħdem fil-qasam tal-arkeoloġija iżda Għawdex involut ukoll fl-etnografija ossia, storja naturali.

Jerġa' jispjega li huwa beda mad-Dipartiment tal-Mużewijiet fil-qasam tal-arkeoloġija u kien stazzjonat Għawdex. Jgħid li dak iż-żmien kien waħdu kuratur f'Għawdex u kien responsabbli mill-mużewijiet u siti kollha.

Itenni li huwa kwalifikat fl-arkeoloġija u li l-*progression* professjonali tiegħu dejjem kienet fil-qasam tal-arkeoloġija, f'kull grad li kien fih. Iżid li l-kwalifici tiegħu huma wkoll ilkoll fl-arkeoloġija.

Jgħid li l-pożizzjoni li jħaddan kurrentement applika għaliha, ġie intervistat, u ġie magħżul. Jgħid li issa ilu f'din il-pożizzjoni mill-2015.

Jaqbel li l-pożizzjoni mertu ta' din il-kawża hija fl-istess grad ta' dik li jħaddan huwa. Jaqbel ukoll li huwa mhux talab li jitla' tarġa iżda talab li jiċċaqlaq lateralment.

Jaqbel li l-grad li jħaddan jirrispekja l-kwalifiċi tiegħu. Jaqbel li l-pożizzjoni in mertu m'hijiex limitata għal dak li huwa kwalifikat fih hu peress li mas-siti tax-Xagħra hemm imdaħħal il-*Gozo Museum*. Jaqbel li l-*Gozo Museum* ma jinkludix arkeoloġija biss iżda jinkludi wkoll arti u etnografija.

---

[35] Traskrizzjoni a fol. 310 sa 322.

Jgħid li f'dawn l-oqsma addizzjonali huwa xorta kien involut iżda b'mod indirett. Iżid li anke fl-istudji tiegħu mess magħhom. Jispjega li fl-istudju tal-arkeoloġija mess ukoll mal-arti Preistorika, Rumana u Medjevali.

Dwar organizzazzjoni ta' attivitajiet jgħid li kien jorganizza *school visits* mhux biss fil-qasam tal-arkeoloġija iżda fil-mużewijiet kollha.

Jgħid li ma jiftakarx x'irrisponda fl-intervista dwar viżjoni għal *Gozo Museum*.

Jgħid li b'din il-kawża jrid lill-Qorti ttih il-post hi għaliex il-post huwa ibbażat Għawdex. Itenni li jrid lill-Qorti tiddeċiedi li għall-pożizzjoni in mertu kellu jintgħażel hu. Jaqbel li jippretendi li l-Qorti tissostitwixxi ruħha għad-deċiżjoni tal-bord tal-intervisti.

Mistoqsi jekk ladarba jħoss li l-kriterji applikati fl-intervista kienu suġġettivi jqiesx li l-mod kif qed juġġidika lilu nniffsu hu m'huwiex oġġettiv, jirrispondi li: *oġġettiv għax ibbażat fuq l-esperjenza, ibbażat fuq il-kwalifiċi, ibbażat fuq iż-żmien li għamilt, jiġifieri*.[36]

**In rieżami**,[37] jerġa' jgħid li l-pożizzjoni in mertu kienet importanti għalih għax kif inhu bħalissa huwa stazzjonat Malta, għalkemm xorta jagħmel xogħol Għawdex, mentri kieku ngħata l-pożizzjoni l-ġdida kien jiġi Għawdex.

Rigward il-kwalifiċi tiegħu fl-arkeoloġija jgħid li parti sostanzjali mill-*Gozo Museum* hija dedikata lill-arkeoloġija. Iżid li arti Rumana u Preistorika li hija parti mill-arkeoloġija wkoll ser tkun rappreżentata. Iżid li l-pożizzjoni tinkludi wkoll is-siti tax-Xagħra fejn arti m'hemm xejn għax il-

[36] Vers ċitat verbatim mill-paġna 12 tat-traskrizzjoni a fol. 321 tal-proċess.
[37] Traskrizzjoni a fol. 322 sa 323.

Ġgantija u x-*Xagħra Stone Circle* huma siti arkeoloġici mentri l-Mithna ta' Kola taqa' taħt l-etnografija.

**Rachel Caruana**, direttriċi fid-dipartiment tar-riżorsi umani tal-aġenzija konvenuta, xehdet[38] li hija ġiet appuntata fil-pożizzjoni tagħha fl-2019 b'dan li kemm lill-attur kif ukoll lil ċerta Daphne Caruana Sant ftit tafhom. Iżżid li rat iżda l-*files* tagħhom u tista' tgħid li t-tnejn għandhom l-istess pożizzjoni fi ħdan *Heritage Malta*. Iżid li t-tnejn huma *Principal Curators*, l-attur fis-sezzjoni *Phoenician, Roman, and Medieval* mentri Daphne Caruana Sant fis-sezzjoni *Gozo Museum and Xagħra Sites*.

Tgħid li l-attur iħaddan dik il-kariga għaliex speċjalizzat f'dak li huwa Ruman mentri Daphne Caruana Sant tħaddan dik il-kariga għaliex speċjalizzata fl-arkeoloġija u l-arti bil-*Gozo Museum* ser jispeċjalizza fl-arti.

Tixhed li l-pożizzjoni, paga, u kundizzjonijiet tagħhom huma l-istess.

**Xehdet ulterjorment**,[39] li l-attur inħatar assistent kuratur mid-Dipartiment tal-Mużewijiet fl-1997 fejn qabel kien misluf mill-uffiċċju konġunt. Iżżid li huwa sar parti mill-aġenzija konvenuta fl-2004 bħala *Collection and Site Executive* b'dan li fl-2005 in-nomenklatura tiegħu inbidlet għal dik ta' kuratur. Iżżid li fl-2016 ġie maħtur bħala *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* b-kuntratt ta' tliet (3) snin b'dan li f'Marzu tal-2019 ġie kkonfermat f'dik il-pożizzjoni għal tliet (3) snin oħra mbagħad fit-18 ta' April tal-2019 il-ħatra tiegħu saret definittiva għal terminu indefinit.

---

[38] Traskrizzjoni a fol. 149 sa 151.
[39] Traskrizzjoni a fol. 153 sa 155.

Dwar Daphne Caruana Sant tgħid li hija ġiet impjegata mal-aġenzija konvenuta fl-2008 bħala *Gallery Site Officer* b'dan li fl-2009 inħatret kuratriċi tas-siti f'Għawdex u fl-2017 inħatret *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* b'kuntratt definit ta' tliet (3) snin. Iżżid li fit-18 ta' April tal-2019 il-ħatra tagħha saret definittiva għal terminu indefinit.

Tippreżenta kopja tad-dokumenti relattivi. Iżżid li dawn juru l-*progression* tal-attur u Daphne Caruana Sant kif ukoll il-kwalifiċi tagħhom.[40]

**Raymond Jones**, eks direttur tar-riżorsi umani fi ħdan l-aġenzija konvenuta, xehed[41] li huwa kien impjegat mal-aġenzija konvenuta mill-2014 sa meta rtira. Jgħid li dwar ħatra ta' impjegati ġodda huwa kien ikun involut tul il-proċess kollu minn xhin toħroġ ċirkolari interna, għas-sejħa, *vetting* ta' applikazzjonijiet u kwalifiċi relattivi, sal-intervisti.

Jgħid li fil-bord tal-intervisti jkun hemm tlieta min-nies; tnejn min-naħa tal-aġenzija konvenuta u ieħor bħala *independent interviewer* maħtur fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru.

Dwar il-pożizzjoni ta' *Principal Curator Phoenician and Roman Sites* jgħid li fuq il-bord kien hemm Kenneth Gambin bħala *chairman* u Joseph Seychell bħala *independent*

[40] Dokumenti relattivi għall-attur a fol. 156 sa 162. Dokumenti relattivi għal Daphne Caruana Sant a fol. 164 sa 171.
[41] Traskrizzjoni a fol. 172 sa 175.

*interviewer*. Iżid li l-*independent interviewer* ma jkunx impjegat ta' *Heritage Malta*.

**In kontroeżami**, xehed[42] li dwar il-pożizzjoni l-oħra ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* kien hemm żewġ applikanti; l-attur u Daphne Caruana Sant. Jgħid li f'dan il-każ ipproċedew kif dejjem għamlu. Iżid li nħolqu kriterji dwar kwalifiċi u esperjenza meħtieġa, flessibilità tal-individwu u affarijiet simili, ġew identifikati l-persuni idonei u saru l-intervisti.

Iżid li huma jagħtu marki għal kull kriterju waqt l-intervista. Jgħid li l-marki u persentaġġi jkunu stabbiliti mill-bord.

Jirreferi għal dokument relattiv għall-kriterji tas-selezzjoni tal-kandidat li jkunu ġew iffissati mill-bord. Jippreżenta kopja tiegħu.[43]

Jgħid li fuq il-marki riżultanti fuq dan id-dokument jiddeċiedu minn mill-applikanti jikkwalifika għall-pożizzjoni. Jispjega id-dokument kriterju bi kriterju.

Jgħid li l-marki li jidhru fuq id-dokument jingħataw skont il-kwalifiċi miżmuma mill-applikant jew skont id-domandi li jsiru waqt l-intervista—skont il-każ. Iżid li eżattament xi jkunu rrispondew l-applikanti dakinhar ma jafx.

Jgħid li f'dan il-każ is-sejħa kienet tinkludi l-*Gozo Museum* li kien għadu *at inception*. Iżid li dan il-mużew ser jiffoka fuq l-arti b'dan li l-attur huwa kwalifikat fuq arkeoloġija u l-perjodu Ruman u m'għandux kwalifiċi fuq arti.

[42] Traskrizzjoni a fol. 175 sa 185.
[43] Dokument tal-kriterji bil-marki a fol. 186. Dokument addizzjonali a fol. 187.

Iżid li rigward il-kriterju tal-esperjenza l-attur ha l-*full marks* mentri Caruana Sant ħadet punt wieħed biss peress li l-attur kien ilu impjegat magħhom sa mill-1997. Jgħid li taż-żmien u l-esperjenza huwa kriterju oġġettiv.

Jgħid li dwar kriterji oħra jkunu anke ħadu *feedback* mingħand diretturi reġjonali li jkunu jaħdmu b'mod aktar dirett mal-applikanti interni. Iżid li dwar applikanti interni jikkundisraw ukoll esperjenzi li jkun kellhom tul iż-żmien rigward kif dawn jaġixxu fuq xogħolhom.

Jgħid li kkunsidraw il-fatt ukoll li l-attur kien dejjem aktar fuq ġewwa, fil-mużewijiet, fuq riċerki u affarijiet hekk mentri Caruana Sant kellha viżjoni aktar miftuħa u moderna dwar x'jistgħu jagħmlu sabiex imexxu proġett ġdid bħal *Gozo Museum*.

**Xehed ulterjorment**[44] li huwa rtira minn mal-aġenzija konvenuta fl-2019. Jgħid li huwa kien fuq il-bord tal-intervista dwar il-pożizzjoni ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites*. Iżid li huwa kien membru, bħala *chairman* kien hemm Kenneth Gambin u l-membru l-ieħor—l-*independent interviewer* li ma jkunx impjegat tal-aġenzija konvenuta—kien Joseph Seychell.

Jgħid li l-applikanti kienu tnejn, l-attur u Caruana Sant, u l-intervisti saru Malta.

Muri d-dokument bil-kriterji tal-intervista u l-marki relattivi jgħid li dak isir għal kull intervista li jżommu bil-kriterji jinbiddlu skont il-pożizzjoni li wieħed japplika għaliha.

[44] Traskrizzjoni a fol. 198 sa 204.

Jgħid li jidhirlu li l-attur kellu dottorat fejn infatti fil-kriterju tal-kwalifiċi ha l-*full marks* mentri Caruana Sant kellha *masters* u allura ħadet ftit inqas punti minnu. Jispjega li dottorat huwa livell ogħla minn *masters*.

Jgħid li applikanti interni jkunu jafuhom, għexu u ħadmu magħhom, u allura jkollhom esperjenza ta' kif jaħdmu, inkluż kif jaħdmu ma' ħaddieħor.

**In rieżami**[45] xehed li qabel beda jaħdem mal-aġenzija konvenuta fl-2003 huwa kien jaħdem mill-predeċessur tagħha d-Dipartiment tal-Mużewijiet. Iżid li b'hekk ilu fil-mużewijiet mis-sena 2000 b'dan li kemm lill-attur kif ukoll lil Daphne Caruana Sant jafhom. Jgħid iżda li ftit li xejn kellu esperjenza magħhom peress li huwa ma kienx fis-sezzjoni kuratorjali iżda beda mill-finanzi, mar fuq kwistjonijiet tal-Unjoni Ewropea mbagħad qaleb għar-riżorsi umani.

Jgħid li waqt l-intervista u huma u jallokaw il-punti tagħhom għall-kriterji tal-għażla huma jkunu ħadu konjizzjoni tal-*curriculum vitae* tal-applikanti, inkluż l-esperjenza tagħhom.

Jgħid li dwar il-kriterju «*contribution of Gozo Museum to Gozo*» saru domandi liż-żewġ applikanti bl-attur ma tax wisq *feedback*. Iżid li b'dan il-kriterju riedu jaraw x'kellhom f'moħħhom l-applikanti bħala pjan sabiex iġibu n-nies lejn il-mużew il-ġdid.

Dwar il-kriterju «*managerial skills*» u «*leadership skills*» jgħid li ovvjament ħarsu lejn il-passat sabiex jaraw kif l-applikanti dderiġew irwieħhom.

[45] Traskrizzjoni a fol. 249 sa 253.

Iżid li huwa konxju tal-kwalifiċi kemm tal-attur kif ukoll ta' Daphne Caruana Sant. Jgħid li l-attur kellu dottorat mentri Caruana Sant kellha *masters*.

**John Cremona**, impjegat fl-Arkivji Nazzjonali ta' Għawdex, xehed[46] li lill-attur ilu jafu mill-iskola b'dan li mbagħad bdew jaħdmu flimkien fil-kultura mill-1990 'il quddiem. Jgħid li f'xi żminijiet huwa kien anke direttur bl-attur kien jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Jgħid li huwa kien direttur tas-servizz tal-konsumatur fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex mill-1999 sal-2001 u baqa' bħala *acting director* bejn l-2001 u l-2003. Jgħid li fost dak li kien jaqa' fir-responsabbiltà tiegħu kien hemm il-mużewijiet bl-attur dak iż-żmien kien responsabbli għalihom.

Jgħid li jaħseb li dak iż-żmien l-attur kien responsabbli minn xi ħamsa u erbgħin (45) jew ħamsin (50) impjegat tal-mużewijiet li jinkludi gwidi, *handymen, watchmen* u oħrajn.

Jgħid li mingħand kull persuna responsabbli inkluż l-attur huwa kien jitlob rendikonti bħal *business plans* ta' kull sena, stimi tas-sitwazzjoni finanzjarja, informazzjoni dwar l-impjegati kif ukoll *feedback* fuq risposti parlamentari.

Jgħid li taħt ir-responsabbiltà tal-attur, apparti l-impjegati, kien hemm ukoll is-siti u kollezzjonijiet. Jgħid li dak iż-żmien kien meta l-ewwel mużewijiet ġew muniti bil-kameras ta' sigurezza u ddaħħlet l-*audio guide* fil-Ġgantija.

Bħala siti jgħid li kien hemm il-Ġgantija, il-Mitħna ta' Kola, u l-*Brockdorff Circle* fix-Xagħra kif ukoll il-Ħabs il-Qadim, il-

[46] Traskrizzjoni a fol. 257 sa 262.

Mużew tal-Arkeoloġija, il-Mużew tal-Folklor u l-Mużew tax-Xjenza Naturali fiċ-Ċittadella.

Jgħid li l-attur kien anke jieħu ħsieb jipprepara sejħiet għal *tenders* b'dan li mbagħad dawn l-istess kienu jiġi *vetted* minnu – mix-xhud.

Jgħid li dak iż-żmien Għawdex ma kien hemm ħadd jagħmel ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur.

Iżid li l-attur kien juri interess kbir fix-xogħol li kienu jagħmlu b'dan li kien anke involut fil-proġett ta' ristrutturar tal-Mużew tal-Arkeoloġija fejn jaħseb li s-sezzjoni Rumana għadha kif ħallieha huwa. Iżid li kien anke involut fir-restawr tas-saqaf tal-Mitħna ta' Kola u l-*labelling* tal-oġġetti kollha ġewwa l-mużewijiet. Jgħid li kien hemm diversi inizzjattivi li l-attur kien involut fihom.

Jgħid li mill-attur qatt ma kellu fuq xiex igerger għax flimien għamlu xogħol siewi li għadu kburi bih.

**John Bajada**, eks impjegat fid-Dipartiment tal-Mużewijiet, xehed[47] li huwa kien jaħdem mal-attur fid-Dipartiment tal-Mużewijiet li mbagħad sar *Heritage Malta*. Jgħid li huwa beda bħala gwida mbagħad laħaq uffiċjal f'mużew – ibigħ il-biljetti – b'dan li l-attur kien superjur tiegħu. Iżid li huwa ħadem taħt l-attur għal 'il fuq minn għaxar (10) snin.

Jgħid li l-attur kien il-bniedem responsabbli mill-mużewijiet ta' Għawdex b'dan li kien jieħu ħsieb kollox hu. Jgħid li l-attur kien proattiv b'dan li kull meta huwa talbu li jsir xi ħaġa għal ġid tal-mużewijiet dan kien jisma' u jipprova jagħmel li jista'. Iżid li l-attur kien jimmotivahom.

[47] Traskrizzjoni a fol. 263 sa 267.

Iżid li meta huwa għamel xi skoperta interessanti kien biss l-attur li rrikonoxxieh.

Jgħid li d-Dipartiment tal-Mużewijiet kien imexxi l-antika b'ħafna burokrazija. Iżid li meta beda l-attur sar ħafna xogħol siewi. Jirreferi għal xogħol ta' ristrutturar li l-attur mexxa fil-Mużew tal-Folklor. Iżid li l-attur ħa ħsieb sabiex sar xogħol ta' *water membrane* fuq l-isqfa tal-mużewijiet.

Jgħid li l-attur huwa eżatt ħafna fuq xogħlu b'dan li jqis li taħtu sar avvanz. Iżid li ma jifhemx għalfejn kellu jasal sal-Qorti sabiex jiġi rikonoxxut xogħol l-attur.

**Nicoline Segona**, *Senior Curator* fi ħdan l-aġenzija konvenuta, xehdet[48] li hija tiġi superjur tal-attur. Iżżid li hija taħdem minn Għawdex u hija responsabbli tal-mużewijiet u siti storiċi ta' *Heritage Malta* ġewwa Għawdex.

Tgħid li bejn is-snin 2008 u 2019, qabel laħqet *Senior Curator* kienet direttriċi b'xogħol aktar amministrattiv. Iżżid li bħala *Senior Curator* hija aktar iffokata fuq kollezzjonijiet, mużewijiet, u siti. Iżżid li però anke bħala direttriċi xorta kellha l-mużewijiet u siti taħt idejha.

Tgħid li hija qiegħda tmexxi l-progett tal-*Gozo Museum* min-naħa ta' *Heritage Malta*. Tgħid li ilha tagħmel xogħol preparatorju dwar dan il-mużew sa mill-2011 ċirka b'dan li fl-2015 saret l-applikazzjoni għal-fondi mill-ERDF. Tgħid li hija għenet lill-Ministeru għal Għawdex sabiex daħlu l-

[48] Traskrizzjoni a fol. 273a sa 273q.

applikazzjoni għal-fondi mill-ERDF. Iżżid li hija kienet involuta f'kull aspett tal-proġett.

Tgħid li fuq il-proġett tal-*Gozo Museum* magħha kellha tim ta' nies inklużi Daphne Caruana Sant kif ukoll l-attur.

Tgħid li lill-attur dejjem involvitu rigward is-suġġetti tiegħu jiġifieri l-perjodu klassiku, Puniku, u Ruman. Iżżid li l-attur ilu magħhom u għandu l-esperjenza għalhekk fejn jidħlu kollezzjonijiet dejjem tikkonsulta miegħu. Tgħid li l-istħarrig tal-attur huwa purament arkeoloġiku. Iżżid li l-attur baqa' f'konversazzjoni magħha dwar il-*Gozo Museum* sa ma nfetħet din il-kawża b'dan li meta nfetħet il-kawża kienet ingħatat struzzjonijiet mingħand is-superjuri tagħha, Noel Zammit u Kenneth Gambin, li ma setgħetx tkompli tinvolvih.

Tgħid li l-attur ma jaqbilx mal-kunċett tal-*Gozo Museum* għaliex jippreferi *site museums*. Tgħid li l-pjan għal *Gozo Museum* huwa li dan ikun attrazzjoni li tirrakkonta l-istorja Għawdxija f'kull perjodu tagħha u li jiċċelebra l-irwol tal-Għawdxin tul iż-żminijiet. Iżżid li għalhekk diversi oġġetti li huma bħalissa esibiti fil-mużewijiet taċ-Ċittadella ser jiċċaqilqu għal ġol-*Gozo Museum*.

Tgħid li hija taħdem mal-attur ta' kuljum u dan tagħha x'tifhem, li ma jaqbilx mal-kunċett tal-*Gozo Museum* iżda jippreferi mużewijiet żgħar marbutin ma' suġġett partikolari—idea ta' *interpretation centre*. Tgħid li dan lilha qalulha diversi drabi.

Tgħid li preżentement l-attur huwa *Principal Curator Phoenician, Roman and Medieval Sites* u li allura fejn jidħol dak is-settur hija xorta tiddiskuti miegħu. Iżżid li kull meta talbet għajnuna mingħand l-attur dejjem ottjenietha.

Tgħid li Daphne Caruana Sant kienet involuta fejn tidħol arti peress li gradwata fl-arti. Iżżid iżda li l-*Gozo Museum* ser ikopri diversi dixxiplini u huwa vast ħafna. Tgħid li ma' Caruana Sant tiddiskuti aktar aspetti ta' interpretazzjoni sabiex jagħmlu l-mużew il-ġdid aktar attraenti għall-pubbliku. Tgħid li l-idea hija li joħolqu sistema moderna u atmosfera li viżitatur mhux biss jitgħallem iżda jieħu gost iżur il-mużew ukoll. Tgħid li dan huwa dak li l-aktar tiddiskuti ma' Caruana Sant.

Tgħid li hija ma kinitx involuta fil-proċess ta' selezzjonijiet ta' *Principal Curators*. Tgħid iżda li dak iż-żmien Daphne Caruana Sant kienet diġà kuratrici tas-siti fix-Xagħra.

**Angie Refalo**, *Procurement Officer* fi ħdan is-Segretarjat tal-Ministeru tal-Agrikoltura, xehdet[49] li lill-attur tafu għaliex ħadmet miegħu meta kemm taħt id-Dipartiment tal-Mużewijiet u wara meta saret *Heritage Malta*.

Iżżid li l-attur kien superjur tagħha. Tgħid li l-attur kien jieħu ħsieb il-mużewijiet u l-amministrazzjoni tagħhom u s-siti ta' Għawdex. Iżżid li meta ġiet kostitwita *Heritage Malta* mbagħad sar kuratur. Tgħid li dak iż-żmien hija kienet *gallery site officer*.

Tgħid li l-attur ix-xogħol kien jafu sew ħafna u mindu beda jmexxi hu għamlu avvanzi kbar. Iżżid li kien għaqqad lill-impjegati, daħħal sistema ta' kompjuters kif ukoll CCTV.

Tgħid li taħt l-attur l-atmosfera fuq ix-xogħol kienet waħda sabiħa u proattiva. Iżżid li hi mingħandu tgħallmet ħafna. Tgħid li tahom f'idejhom l-inventarju tal-mużewijiet fejn

[49] Traskrizzjoni a fol 297 sa 301.

qabel qas kien ikollu x'jaqsmu xejn. Iżżid li hekk saru jħossuhom parti mit-tim u kienu jaħdmu aktar bil-qalb.

Tgħid li kull meta ħadet inizjattiva l-attur kien jilqa' l-istess b'mod tajjeb. Iżżid li hu kien dejjem lest jisma opinjoni u kien juri apprezzament.

Tgħid li l-attur kien fil-pożizzjoni li kien għax kien gradwat fis-suġġett mentri ta' qablu kien laħaq għax kien l-aktar *senior*. Iżżid li kien jiġbor lill-impjegati u jagħmlilhom *tours* mas-siti u mużewijiet sabiex huma mbagħad ikunu jistgħu jispjegaw sew lill-viżitaturi.

## Ċ. Ikkunsidrat:

**Preliminari:**

B'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara l-aġir amministrattiv tal-aġenzija konvenuta Heritage Malta meta din ma allokatx lilu fil-kariga ta' *Principal Curator Gozo Museum and Xagħra Sites* iżda floku allokat lil ħaddieħor—ċerta Daphna Caruana Sant—bħala aġir *ultra vires* u illegali stante li tali allokazzjoni saret għal għanijiet mhux xierqa jew fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. B'dan li talab għalhekk ordni sabiex l-aġenzija konvenuta tirrevedi d-deċizjoni tagħha bil-Qorti, jekk ikun il-każ, tagħti kwalsiasi ordni oħra li tħoss neċessarja fiċ-ċirkostanzi.

Bi tweġiba għal dan, l-aġenzija konvenuta eċċepiet preliminarjament il-*privilegium fori*—eċċezzjoni li ġiet eżawrita permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar id-29 ta' Marzu, 2019 li biha ġiet imħassra d-deċiżjoni parzjali ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta

mogħtija nhar 23 ta' Frar, 2018[50] b'dan li l-kawża ġiet riappuntata quddiem din il-Qorti.[51]

L-aġenzija konvenuta eċċepiet ukoll preliminarjament li l-azzjoni attriċi hija legalment improponibbli billi allokazzjoni interna ta' pożizzjonijiet ta' xogħol fi ħdanha ma jammontax għall-«egħmil amministrattiv» għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1) u (2) tal-Kap. 12.

Fil-mertu, l-aġenzija konvenuta eċċepiet li l-allegazzjoni ta' l-attur li l-allokazzjoni tal-pożizzjoni ta' xogħol lill-ħaddieħor u mhux lilu hija *ultra vires* u illegali għaliex saret għall-għanijiet mhux xierqa jew fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti hija wkoll legalment infondata. B'dan li insistiet li mhux minnu li l-aġenzija konvenuta aġixxiet b'tali mod jew b'xi mod irragjonevoli jew mhux proporzjonat.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Minn qari akkurat tat-talbiet atturi u l-eċċezzjonijiet tal-aġenzija konvenuta, huwa ċar li l-kawża odjerna hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv li taqa' prettament taħt il-proviżjonijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, tal-Liġijiet ta' Malta; il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili.

B'dan allura li qabel kull kunsiderazzjoni oħra, jeħtieġ li din il-Qorti tindaga jekk tassew kif tgħid l-aġenzija konvenuta l-allokazzjoni ta' pożizzjoni ta' xogħol interna għalija hijiex eskluża mid-definizzjoni ta' «eghmil amministrattiv» għall-finijiet tal-Artikolu 469A(1) u (2) tal-Kap. 12.

---

[50] Kopja tas-sentenza a fol. 102 sa 107—inkluż in *retro pagina*.
[51] Ordni ta' riappuntament a fol. 125 b'dokumenti ulterjuri a fol. 108 sa 124.

Dan stante li jekk jirriżulta dan, din il-Qorti ma jkollhiex għalfejn tindaga l-allegazzjonijiet atturi u l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-aġenzija konvenuta dwar l-mertu stante li l-kawża tkun nieqsa minn bażi legali.

L-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jitratta l-istħarrig ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Il-partijiet rilevanti tal-istess artikolu tenut kont tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet miġjuba għall-gudizzju ta' din il-Qorti huma s-segwenti:

> **469A.** *(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi,* ***il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss****:*
>
> *(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
>
> *(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
>
> *(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*
>
> *(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*
>
> *(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
>
> *(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F'dan l-artikolu –*

***"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità****:*

[… omissis…]

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u* ***kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi*** *u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu warrants għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.*

[Enfasi ta' din il-Qorti]

Qari akkurat tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 fl-intier tiegħu juri li l-istess artikolu huwa maqsum f'diversi porzjonijiet.

Rilevanti għal din l-istanza huma:

i. l-ewwel porzjoni misjuba proprjament fis-subinċiż wieħed (1) tal-Artikolu 469A—liema porzjoni tindika abbażi ta' xiex jista' jkun sindakabbli għemil amministrattivi minn Qorti bħal din, u;

ii. t-tieni porzjoni, misjuba proprjament fis-subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 469A—liema prozjoni tagħti definizzjoni ta' x'għandu jitqies bħala «egħmil amministrattiv» u ta' x'tikkomprendi l-frażi «awtorità pubblika».

Huwa għalhekk ċar li qabel tista' Qorti bħal din tgħaddi sabiex tapplika l-proviżjonijiet tas-subinċiż numru wieħed

(1) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, din trid tqis jekk għandhiex quddiemha «awtorità pubblika» li għamlet xi għemil amministrattiv *ai termini* tat-tifsir mogħti fis-subinċiż numru tnejn (2) tal-Artikolu 469A.

M'hemmx dubbju li l-aġenzija konvenuta tikkwalifika bħala «awtorità pubblika» *ai termini* tas-subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 469A. Dan mhux biss stante li ebda waħda mill-partijiet kontendenti ma qajmet oġġezzjoni għal dan, iżda anke għaliex l-istess aġenzija konvenuta hija fil-fatt aġenzija nazzjonali tal-Gvern ta' Malta li ġiet kostitwita bl-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445, tal-Ligijiet ta' Malta.[52] B'dan li taqa' allura taħt id-definizzjoni ta' «awtorita' pubblika» mogħtija fis-subinċiż numru tnejn (2) tal-Artikolu 469A billi hija *korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi*.

Jibqa' għalhekk sabiex jiġi deċiż jekk l-istess aġenzija konvenuta għamlitx xi għemil amministrattiv *ai termini* tad-definizzjoni mogħtija lill-istess frażi fis-subinċiż numru tnejn (2) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 liema għemil jista' jkun sindakabbli minn din il-Qorti.

Kif fuq citat, «egħmil amministrattiv» huwa definit fis-subinċiz tnejn (2) l-Artikolu 469A bħala […] *l-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità*.

Mill-assjem tal-provi prodotti kif ukoll mit-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet kontendenti huwa ċar li f'dan il-każ, l-aġenzija konvenuta bħala awtorità pubblika ma ħarġet ebda ordni, liċenzja, permess, jew *warrant* iżda ħadet

[52] Ref. Artikolu 8 tal-Kap. 445.

deċiżjoni li talloka lill-terza persuna estranja għal din il-vertenza f'pożizzjoni li huwa ċar li kienet mixtieqa mill-attur b'dan li ħarġet rifjut lill-attur fir-rigward tal-istess kariga.[53]

B'dan iżda li s-subinċiż tnejn (2) tal-Artikolu 469A irid li l-istess deċiżjoni jew rifjut ma jinkludix *xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità.*

Huwa għalhekk neċessarju li jiġi deċiż jekk id-deċiżjoni u konsegwenti rifjut tal-aġenzija konvenuta sarux bil-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna għaliha stess.

Din il-Qorti ma tqisx li deċiżjonijiet marbuta mal-impjegar *o meno* ma' awtorità pubblika jammontaw għall-għemil amministrattiv sindakabbli minnha iżda tqis li l-istess jammontaw għall-kwistjoni ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna għall-istess awtorità li għalhekk m'humiex sindakabbli min din il-Qorti.

Hawnhekk, din il-Qorti ssib komfort f'sensiela ta' deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani dwar dan il-mertu, inkluż fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-30 ta' Jannar, 2004 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***David Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** fejn il-Qorti rriteniet:

> […] *id-definizzjoni ta' eghmil amministrattiv fl-istess artiklu* — l-Artikolu 469A — *mhijiex esklussiva kif qed jimplika l-konvenut iżda pjuttost inklussiva u teskludi biss "xi ħaġa li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita" (pubblika); ma*

---

[53] Rifjut mogħti lill-attur permezz ta' ittra mibgħuta lilu mill-aġenzija kovenuta u datata l-20 ta' Frar, 2017—kopja a fol. 296.

> *hix il-fehma tal-Qorti li din l-aħħar parti tinkludi terminazzjoni ta' impjieg u jidher car li* ***l-mens legis kien li jeskludi azzjonijiet dwar transfers fis-servizz pubbliku jew allokazzjoni ta' impjegati fl-istess servizz****.*

[Enfasi ta' din il-Qorti]

B'dan iżda li din il-Qorti tagħraf ukoll dak li ġie ritenut dwar deċiżjoni li għalkemm mad-daqqa t'għajn tista' tidher li hija waħda ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, studju aktar approfondit tagħha juri li seta' kien hemm kwistjoni ta' użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni jew saħansitra aġir abbużiv jew li jmur lil hemm mis-setgħat mogħtija mil-liġi—jiġifieri għemil *ultra vires* kif fil-fatt allegat mill-attur f'din l-istanza.

F'dan id-dawl, issir referenza għad-deċiżjoni mogħtija nhar il-11 ta' Novembru, 2021 mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doreen Camilleri vs Is-Segretarju Ewlieni fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol*** fejn il-Qorti msemmija rriteniet:

> *Il-Qorti tagħraf li dan huwa każ fejn il-linja bejn dak li jaqa' fl-ambitu għal kollox intern fi ħdan awtorità pubblika u dak li joħroġ il-barra minnha m'hijiex daqshekk waħda ċara. Għaldaqstant, biex il-Qorti tindirizza dan l-ilment, ma tistax tieqaf fil-livell ta' kif kwestjoni tidher mid-daqqa t'għajn.* ***Dan qed jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għemil ultra vires), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi"***

> ***organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrattiv li jkun.***

[Enfasi ta' din il-Qorti]

B'dan li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ li għandha proprju quddiemha llum din il-Qorti, u wara li qieset il-provi kollha miġjuba quddiemha, anke fuq din il-premessa din il-Qorti ma ssibx li l-aġenzija konvenuta naqqset b'xi mod lill-attur kif allegat minnu jew li aġixxit b'mod *ultra vires* u illegali billi ħadet deċiżjoni għal għanijiet mhux xierqa jew li huma msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Infatti, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi miġjuba quddiemha minn fejn jirriżulta sodisfaċjentement li l-aġenzija konvenuta nediet sejħa għall-kariga fi ħdanha, laqgħet applikazzjonijiet mingħand żewġ (2) impjegati interni għaliha—l-attur u terza persuna mhux parti minn din il-vertenza—u, wara li qisiet tajjeb il-kwalifiċi u kapaċitajiet tagħhom kif ukoll wara li intervistathom it-tnejn iddeċidiet li talloka l-kariga lit-terza persuna u mhux lill-attur.

Dwar dan, l-attur jgħid ħafna u jinsisti li huwa kien aktar idoneu għall-kariga allokata lit-terza persuna. B'dan iżda li mhux biss din il-Qorti mhijiex konvinta minn dan tenut kont tal-provi li nġabu quddiemha, iżda wkoll din il-Qorti tqis li hija ma tistax tissostitwixxi lill-bord tal-intervisti kostitwit mill-aġenzija konvenuta bil-parteċipazzjoni ta' membru terz u indipendenti għaliha li sema' kemm lill-attur u lit-terza persuna li ġiet allokata l-kariga *a tempo vergine* u li b'hekk kellu quddiemu l-informazzjoni kollha, kemm oġġettiva kif ukoll soġġettiva, li fuqha sejjes id-deċiżjoni tiegħu.

Din il-Qorti ma tistax ma tirreferix għad-dokument tal-kriterji tal-intervista li fuqu ngħataw marki lill-kandidati għall-kariga in mertu—l-attur u t-terza persuna allokata l-kariga—skont provi miġjuba minnhom iżda wkoll skont risposti mogħtija minnhom lill-bord tal-intervisti.[54]

Dan id-dokument juri li fejn l-attur kellu jingħata l-massimu tal-punti, dawn ġew mogħtija lilu. Il-marki massimi fil-fatt ġew attribwiti lilu rigward il-kriterji:

i. tal-kwalifiċi—nonostnate li huwa mhux direttament kwalifikat fl-arti jew fl-immaniġġjar ta' patrimonju kulturali bħalma hija t-terza persuna allokata l-kariga;[55]

ii. tal-esperjenza—minkejja li t-terza persuna kienet diġà għal żmien inkarigata mis-siti tax-Xagħra li kienu parti mill-kariga allokata lilha, u;[56]

iii. tax-xogħlijiet pubblikati kif jidher li kien jistħoqqlu tenut kont tax-xhieda ta' Kenneth Gambin, għalkemm l-attur ma ressaqx provi dwar xogħlijiet pubblikati minnu.

L-attur jilmenta li kellu jingħata aktar punti milli ngħatat it-terza persuna allokata l-kariga in disputa fil-kriterji ta' *team player, technical skills, managerial skills, leadership skills, contribution of Gozo Museum to Gozo* u *outreach events*. B'dan iżda li din il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi prodotti jirriżulta ċar li dawn il-kriterji ġew meqjusa b'mod ġust u ekwu mill-bord tal-intervisti tenut kont tal-istorja ta' kull kandidat fi ħdan l-aġenzija konvenuta, liema storja kienet a

[54] Dokument a fol. 186.
[55] Ref. dokumenti ta' kwalifika tat-terza persuna a fol. 169, 170, u 171.
[56] Ref. *inter alia*, ix-xhieda tal-attur stess fl-affidavit tiegħu a fol. 279 sa 287 fejn jammetti dan.

konoxxjenza tal-bord u, fejn ma kinitx, ġew mitkellma superjuri diretti tal-kandidati, kif ukoll tar-risposti li ngħataw minn kull kandidat waqt l-intervista.

Allegazzjonijiet oħrajn magħmula mill-attur inkluż li huwa ġie żvantaġġat billi ġie, bl-għan proprju li jiġi żvantaġġat, miċħud milli jkompli jattendi laqgħat dwar il-proġett ġdid tal-*Gozo Museum* ġew debitament indirizzati mix-xhieda tal-aġenzija konvenuta.

L-aġenzija konvenuta fil-fatt tat spjegazzjoni kredibbli dwar tali laqgħat u, filwaqt li qatt ma ċaħdet il-mertu tal-attur, sostnut biss li għall-kariga *de quo* l-attur ma kienx l-aktar idoneu. Dan partikolarment tenut kont ta' [i] l-għan ewlieni tal-mużew il-ġdid li jkun mużew ibbażat fuq l-arti kif fil-fatt jirriżulta mid-dokument preżentat mal-affidavit ta' Kenneth Gambin, kap eżekuttiv tal-aġenzija konvenuta, dwar il-konkors imniedi għas-sottomissjoni ta' disinji peritali għall-mużew il-ġdid;[57] [ii] il-kwalifiċi tal-kandidati fid-dawl tal-istess għan ewlieni, kif ukoll; [iii] ir-risposti mogħtija mill-kandidati fl-intervisti magħmula lilhom, partikolarment fejn dawn kienu jittrattaw il-kontribut li l-*Gozo Museum* kellu jagħti lil Għawdex.

Dwar il-kriterju tal-esperjenza, għalkemm l-attur jgħid ħafna dwar l-esperjenza vasta tiegħu, xi ħaġa li l-aġenzija konvenuta wkoll ma tiċħadx, jirriżulta ampjament ċar mid-dokument tal-kriterji tal-intervista in atti[58] li rigward esperjenza l-attur ingħata l-massimu tal-punti mentri t-terza persuna allokata l-kariga ngħatat biss punt wieħed.

Jekk l-attur kien qed jirreferi għall-kriterji partikolari li jistgħu wkoll jirreferu għall-esperjenza, bħal kriterji tat-

[57] Ref. *inter alia*, paġna 11 u 19 tal-istess dokument a fol. 341 u 349 tal-proċess.
[58] Dokument a fol. 186.

*technical skills, managerial skills*, u *leadership skills*; ibda biex dwar kapaċitajiet tekniċi l-kriterju jirreferi speċifikatament għal kapaċitajiet speċjalizzati skont is-suġġett fejn huwa allura ċar li ladarba t-terza persuna allokata l-kariga kellha diġà esperjenza vasta fis-siti tax-Xagħra u hija wkoll gradwata speċifikatament fl-arti u l-immaniġġjar ta' patrimonju kulturali, jirriżulta ġust li hawnhekk hija ngħatat żewġ punti aktar mill-attur—anke jekk ma ngħatatx il-massimu tal-punti. Mentri dwar kapaċitajiet maniġerjali u ta' *leadership* ġie konsistentement spjegat mix-xhieda kollha rilevanti li kemm l-attur kif ukoll it-terza persuna kienu kapaċi f'dan is-sens tant li ebda wieħed minnhom ma ngħata l-massimu tal-punti f'dan ir-rigward bid-differenza fil-punteġġi partikoalri bejniethom tidher—stante li huwa l-bord tal-intervisti biss li kellu quddiemu l-fatti opportuni *a tempo vergine* – aċċettabbli fiċ-ċirkostanzi.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-aġenzija konvenuta konformement ma' dak hawn deċiż, tiċħad it-talbiet atturi.

Bl-ispejjeż kontra l-attur.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**